MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2008

Numru 601/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**Vs**

**Kyle Francica**
**Martin Cachia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijet li permezz taghhom Kyle Francica ta' 14-il sena, bin il-mejjet Raymond u Sandra nee' Pace imwieled Pieta' fl- 01 ta' Settembru 1989, u li joqghod f' Juno Flats, Flat 3, Block A, Juno Road, Pembroke. Karta ta' l-Identita Numru 417189M.

U Martin Cachia ta’ 45 sena, bin Michael u Josephine nee’ Aquilina imwieled Pieta’ fid-29 ta’ Marzu 1959, u li joqghod f’ No. 238, Casa Martina, Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke. Karta ta’ l-Identita Numru 235859M.

Billi huma akkuzati

1. Talli nhar il-Hadd 20 ta’ Gunju 2004, gewwa l-Belt Valletta

a. Iffalsifikaw jew biddlu, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta’ industrija, jew, xjentement, ghamlu uzu ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew

b. Ghamlu uzu, xjentement, ta’ marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghu merkanzija, b’din il-marka, sinjal jew emblema; jew

c. Xjentement qieghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammew ghandhom ghall-bejgh jew importaw ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjar, jew emblema imxebbhin b’qerq;

U cioe 468 Compact Disks, konsistenti f’loghob tal-computer, C.D.s tal-musika, u D.V.D. films.

2. U aktar talli, fl-istess data u lok, ghal qligh, jew bi skop ta’ kummerc, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw jew mod iehor irriproducew jew ikkupjaw, jew bieghu, qassmu, jew mod iehor offrew ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta’ Malta jew tahtha.

U b’hekk, Martin Cachia, sar recidiv a termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija minn diversi Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivu u ma jistghux jigi mibdula;

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk

kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex barra li tinfligi l-piena stabbilita bil-Ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti u flus esebiti.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 1 ta' Gunju, 2005 (Ara folio. 124 tal-Process) u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputati, fil-presenza tal-avukat difensur taghhom, iddikjaraw li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati, fil-presenza ta' l-avukat difensur taghhom, regghu wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputat Kyle Francica l-artikoli 17, 31, 37, 298(1)(a), (c) u (f), 298B u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-konfront tal-imputat Martin Cachia l-artikoli 17, 31, 49, 50, 298(1)(a), (c) u (f), 298B u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Kyle Francica, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li fil-konfront tal-

imputat Kyle Francica japplika dak previst fl-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-fedina penali netta tal-imsemmi imputat Kyle Francica tillibera lill-istess imputat Kyle Francica taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Issib lill-imputat Martin Cachia, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba konta tieghu u tenut kont ic-cirkustanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-imsemmi imputat Martin Cachia ghall-piena komplessiva ta' hames mija u tnejn u tmenin Euro u erba' u tletin centezmi ta' Euro (Euro 582.34) multa.

Inoltre, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputati Kyle Francica u Martin Cachia sabiex minnufih ihallsu lir-Registratur tal-Qrati f'ammonti ugwali bejniethom is-somma ta' mitejn u tlieta u sittin Euro u seba' u tmenin centezmi ta' Euro (Euro 263.87) bhala spejjez inkorsi bin-nomina tal-Espert Martin Bajada f'din il-kawza.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna il-konfiska u kif ukoll id-distruzzjoni tal-oggetti esebiti bhala Dok. IA9 u ghal fini ta' tali distruzzjoni tinnomina lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta) u wara r-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta) ghandu jaghmel Rapport dwar tali distruzzjoni u jippresentah fir-Registru ta' din il-Qorti sabiex jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Kyle Francica l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din is-Sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------